*Ingliż*

13th August 2009

**Normal Bird Spring Migration and Breeding...**

The Federation for Hunting & Conservation – Malta (FKNK) has recorded a normal bird spring migration and subsequent breeding on the Maltese Islands.

The only exceptions being the unusual late presence of two cuckoos within the Miżieb Hunting Reserve, although no indication of raising a brood by any foster parent, as is the norm with cuckoos, has been recorded, and the small influx of crossbills last July.

As for successful breeding records regarding non-resident species, which yield a few nests almost annually, the Federation has recorded six pairs of breeding kestrels; three pairs of quails that have fledged chicks; for the fourth year in succession and in the same area four pairs of swallows, two of which with second broods, have fledged off-spring; two pairs of bee-eaters; a pair of peregrine falcons and five pairs of swifts.

Unconfirmed records by other entities are not included in the above.

Notwithstanding that for the second year in succession traditional hunting in spring for the turtle dove has been banned, again this year no records of this species breeding have been reported.

Also, despite the fact that finch capturing in March has been abolished for the past three years, none of the seven species has been reported as breeding this year.

The only way that a small viable population of all these species can ever occur on the Maltese Islands, is by implementation of the 'putting back into the wild' FKNK proposals.

The FKNK is kept continuously updated with the status, breeding and quantity of Malta's birds through its network of thousands of members who carry out observations on their hunting lands all over the Maltese Islands throughout the year, especially the rabbit hunters which season opens on the 1st of June.

Lino Farrugia

Secretary – FKNK

*Maltese*

13 ta' Awissu 2009

**Passa tal-Għasafar fir-Rebbiegħa u Bejtiet Bħal Kull Sena...**

Din is-sena kienet sena bħal tas-soltu rigward il-passa tal-għasafar fir-rebbiegħa u l-bejtiet li jsiru sussegwentement. Dan joħroġ mid-*data* li jżomm il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK).

L-unika żewġ eċċezzjonijiet kienu il-preżenza fit-tul mhux daqstant normali ta' żewġ daqquqiet koħol fir-Riżerva tal-Kaċċa tal-Miżieb, għalkemm ma instabux sinjali li dawn setgħu biedu f'xi bejta ta' xi għasfur ieħor kif normalment tagħmel din l-ispeċi, u t-tefa ta' ftit kruċjati f'Lulju.

Rigward l-għasafar tal-passa u mhux tal-post li, bħal kważi kull sena, din is-sena ukoll irnexxielhom itajru l-frieħ mill-ftit bejtiet li jagħmlu. Il-Federazzjoni għanda rapporti ta' sitt pari spanjuletti li bejtu f'Malta u Għawdex; tlett pari summien kollha bil-frieħ; għar-raba' sena konsekuttiva u fl-istess akwati erba' pari ħuttaf, tnejn minnhom bit-tieni boton, kollha ukoll tajru l-frieħ; żewġ pari qerd in-naħal; par bisien u ħames pari rundun.

Rapporti mhux konfermati ta' entitajiet oħra mhumiex parti mir-rapporti ta' hawn fuq.

Minkejja li għat-tieni sena konsekuttiva ma kienx permess il-kaċċa tradizjonali tal-gamiem fir-rebbiegħa, din is-sena ukoll ma ġewx irraportati gamiem li bejtu.

Kif ukoll, u minkejja l-fatt li l-insib għall-għasafar tal-għana f'Marzu issa ilu wieqaf għal dawn l-aħħar tlett snin, ma ġewx irraportati bejtiet tal-ebda wieħed mis-seba' speċi tal-għana din is-sena.

L-uniku mezz li bih tista tiġi stabbilita popolazzjoni viabbli żgħira ta' dawn l-ispeċi kollha, huwa bl-implimentazzjoni tal-proposti tal-FKNK fejn 'jitpoġġa lura fis-selvaġġ'.

L-FKNK tkun kontinwament infurmata bl-istat, bejtiet u kwantitajiet tal-għasafar ta' Malta permezz tax-xibka mifruxa fost l-eluf ta' membri tagħha li jkunu fl-artijiet tagħhom fejn normalment jikkaċċjaw u jonsbu madwar Malta u Għawdex is-sena kollha, u f'dawn iż-żminijiet speċjalment mingħand il-kaċċaturi tal-fenek selvaġġ liema staġun jiftaħ fl-1 ta' Ġunju.

Lino Farrugia

Segretarju - FKNK